MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 47

22 ta' Frar 2023

Minuti tas-seduta Nru. 47 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra s-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar li segwew is-seduta b'mod virtwali. Il-Kunsillier G. Micallef talab li jiġi skużat peress li kien indispost.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023 tħallew għas-seduta li jmiss, appuntata għall-1 ta' Marzu 2023.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Ma tqajmu ebda materji mill-minuti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saret ebda mistoqsija.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Stqarrijiet Finanzjarji 2022

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1. Ma nqrat ebda korrispondenza.

**6.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill 2022** **(F/1/2/Vol IX)**

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-istqarrijiet imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2022 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,505,227, kontra nefqa rikorrenti ta' €1,409,194, biex b'hekk is-sena spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €96,458.

6.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,414,431 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,262,340 |
| Allokazzjoni Supplimentari | - |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | - |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €152,091 |

6.4. Kien hemm dħul ta' €14,331 marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €7,758, kif ukoll ieħor ta' natura ġenerali li ammonta għal €68,707. Dan kien ġej minn kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ. Irriżulta li kien hemm żieda ta' 14% fuq tas-sena preċedenti.

6.5. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti laħqet €244,171, u fil-fatt żdiedet bi 11.6 % minħabba żidiet statutorji u l-ftehim kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi li daħal fis-seħħ fi Frar 2022.

6.6. In-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni ammontat għal €616,520 - żieda ta' 2.4 % fuq l-ispiża tas-sena ta' qabel. In-Nefqa fuq l-Amministrazzjoni, li tinkludi d-deprezzament fuq l-assi permanenti ammontat għal €548,503 u allura kien hemm żieda ta' 17.6 % fuq tas-sena preċedenti. Dan primarjament irriżulta mis-sospensjoni ta' attivitajiet kulturali minħabba l-pandemija Covid-19. L-ispiża fuq Spejjeż Kuntrattwali niżlet għal €515,317 – tnaqqis ta' 3.4 % fuq l-2021.

6.7. Is-Sur D. Galea spjega li sal-aħħar tal-2022, il-Kunsill kien fadallu jdaħħal €168,033, li €110,629 minnhom huma meqjusa bħala *doubtful debts*, u jikkonsistu minn ċitazzjoni antiki mhux imħallsa.

6.8. Sal-aħħar tal-2022, id-*Deferred Income* laħħaq €119,041, li kien jikkonsisti f'somom li ġew mgħoddija lill-Kunsill b'rabta mal-iskemi mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali marbuta mal-Park tal-Familja, it-Taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar, u l-*Lift* Panoramiku. Magħhom jridu jiżdiedu kontijiet tat 2022 (accruals) li ma daħlux fil-kotba sa Diċembru 2022, peress li kienu għadhom ma waslux.

6.9. L-assi permanenti li ġew kapitalizzati fl-2022 kienu jiswew €77,629. Ġie spjegat li sa Diċembru 2022, il-Kunsill kien akkwista assi permanenti li fit-totalità tagħhom għandhom valur inizjali li jammonta €10,479,676, iżda li l-valur attwali nett tagħhom huwa €1,842,078.

6.10. Kien hemm ukoll €701,764 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji (*Cash and Cash Equivalents)* kienu jammontaw għal €2,038,084, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €106,162. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €254,821 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill imqabbel ma' tas-sena ta' qabel. Dan kien ikkawżat primarjament minn nuqqas ta' attivitajiet kulturali minħabba il-Covid-19. Għal din ir-raġuni, l-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 107.0%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 88.0%.

6.11. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ikkwotat li ir-Rapport tal-Uditur Ġenerali għall-2021 sezzjoni 4b u qalet li *working capital* għoli jista' jagħti impressjoni ta' nuqqas ta' effiċjenza minn naħa tal-amministrazzjoni, peress li l-*Cash and Cash Equivalents* huma kważi d-doppju tal-Allokazzjoni mill-Gvern għal sena waħda. Ikkummentat ukoll li l-gvern ċentrali jista' inaqqas mill-allokazzjoni annwali.

6.12. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li fir-rigward tal-proġett tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja, il-Kunsill għandu l-intenzjoni li jikkommetti l-bilanċ kurrenti fid-Development Planning Fund, kif ukoll ser jintrabat illi l-ammonti li jidħlu fih għal numru ta' snin sussegwenti, se jmorru biex jgħinu fil-finanzjament ta' parkeġġ b'erba' livelli. Għaldaqstant, proġetti kapitali futuri jridu jitwettqu mill-iskemi li tniedi d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali minn żmien għal żmien, jew mill-fondi ordinarji tiegħu.

6.13. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li skont il-liġi l-Gvern Ċentrali jibbaża l-allokazzjoni finanzjarja fuq numru ta' parametri li japplikaw għal Kunsilli Lokali kollha l-istess, ħlief għall-ċerti eċċezzjonijiet. Huwa qal ukoll li l-liġi tippermetti lill-Kunsill Lokali jżommu s-*surplus* li jibqalgħhom wara l-għeluq tas-sena finanzjarja. Aċċenna wkoll li hemm istanzi fejn il-Kunsill ikollu fondi allokati fuq proġett kapitali, li ma jkunux jistgħu jitwettqu fiż-żmien li jkunu ppjanati, minħabba ċirkostanzi li ma jkollux kontroll fuqhom, li normalment ikunu marbuta mal-*procurement*, permessi, eċċ. Kien spjegat ukoll li jista' ikun hemm obbligazzjonijiet kontinġenti, li jirriżultaw minn kawżi fil-Qorti dwar danni li għadhom subjudice, illi fil-każ tal-Kunsill teżisti waħda li saret minn operatur ta' stabbiliment li jservi l-ikel fil-Bajja tal-Mistra. Kompla jgħid li bħala amministrazzjoni għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm proporzjon ta' 2:1 bejn l-assi kurrenti u l-obbligazzjonijiet kurrenti hu.

6.14. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

7.1. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

7.2. Ma ġiet imressqa ebda skeda.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-7:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa l-1 ta' Marzu 2023 fis-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**